

Brussell, 23 ta' Marzu 2022  
(OR. en)

7426/22

AGRI 111  
ENV 255  
AGRIFIN 33  
AGRIORG 35  
SOC 180  
COH 23  
ALIM 2  
COHAFA 36  
DEVGEN 54

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 133 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 133 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 133 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 23.3.2022  
COM(2022) 133 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U  
SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel**

## 1. INTRODUZZJONI

**L-invażjoni Russa mhux ipprovokata tal-Ukrajna** kompliet tiddestabilizza s-swieq agrikoli diġà fraġli. Il-pandemija tal-COVID-19 u t-tibdil fil-klima qed ipoġġu pressjoni fuq l-agrikoltura madwar id-dinja kollha. L-aħħar rapport tal-IPCC jispeċifika kif it-theddid għas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni bħala kawża tan-nixfiet, l-għargħar u l-mewġ ta' sħana kif ukoll iż-żieda fil-livell tal-baħar diġà qed jimmaterializza u huwa mistenni li jikber minħabba t-tiġin globali, li jaffettwa b'mod partikolari r-reġjuni vulnerabbli<sup>1</sup>.

Qabel l-invażjoni, is-swieq tal-komoditajiet diġà kienu qed jaraw żieda sinifikanti fil-prezzijiet, li s-swieq agrikoli ħassew permezz taż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija u tal-fertilizzanti, u ż-żieda konsegwenti fil-prezzijiet tal-azjendi agrikoli. Il-prezzijiet tal-ikel tal-UE żdiedu b'5,6 % meta mqabbla ma' Frar li għadda.

**Il-provvista tal-ikel mhijiex fil-periklu fl-UE llum.** L-UE hija fil-biċċa l-kbira awtosuffiċjenti għall-prodotti agrikoli ewlenin, peress li hija esportatur ewlieni tal-qamħ u tax-xgħir u fil-biċċa l-kbira tista' tkopri l-konsum tagħha għal għelejjel bażiċi oħra bħall-qamħirrum jew iz-zokkor. L-UE hija fil-biċċa l-kbira awtosuffiċjenti wkoll għall-prodotti tal-animali, inkluż il-ħalib u l-laħam, bl-eċċezzjoni notevoli tal-frott tal-baħar.

Madankollu, l-invażjoni tal-Ukrajna flimkien ma' splużjoni globali fil-prezzijiet tal-komoditajiet qed jgħollu l-prezzijiet fis-swieq tal-prodotti agrikoli u tal-frott tal-baħar u **qed jesponu l-vulnerabbiltajiet tas-sistema tal-ikel tagħna**: id-dipendenza tagħna fuq l-importazzjonijiet, pereżempju, tal-enerġija, il-fertilizzant u l-għalf tal-animali. Dan iżid il-kostijiet għall-produtturi u jaffettwa l-prezz tal-ikel, filwaqt li **jqajjem tħassib** fir-rigward tal-kapaċità tal-akkwist tal-konsumaturi, u l-introjt tal-produtturi.

It-tfixkil fil-kummerċ ukoll **iqajjem tħassib serju dwar is-sigurtà globali tal-ikel** li jirriżulta mill-impatt fuq terminu qasir tal-gwerra u l-inċertezzi fuq terminu itwal relatati magħha. Fl-iblet assedjati tal-Ukrajna, qed jiġi esperjenzat nuqqas ta' ikel drammatiku. Il-flussi kummerċjali importanti taċ-ċereali u ż-żrieragħ taż-żejt mill-Baħar l-Iswed prattikament waqfu.

**Il-gwerra fl-Ukrajna biddlet l-aspettattivi tas-suq b'mod drammatiku**, filwaqt li affettwat il-prezzijiet tal-komoditajiet kollha, inkluż għall-prodotti agroalimentari primarji. It-**tħassib dwar is-sigurtà tal-ikel** huwa prinċipalment ikkonċentrat fis-**suq globali tal-qamħ**. Il-prezzijiet fis-swieq futuri tal-qamħ żdiedu b'70 % mill-invażjoni 'l hawn. L-output globali tal-qamħ qiegħed f'riskju kemm minħabba x-xokk fil-provvista li jirriżulta mid-daqs tas-sehem tal-Ukrajna u tar-Russja fis-swieq tal-qamħ kif ukoll mix-xokk fil-kostijiet tal-produzzjoni, speċjalment fil-gass naturali, il-fertilizzant tan-nitroġenu u l-ossiġenu. Se jkun meħtieġ li jiġu sostitwiti sa 25 miljun tunnellata sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-ikel fuq livell dinji f'dan l-istaġun u f'dak li jmiss<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> [Climate Change 2022: Impacts, Adaptation and Vulnerability | Climate Change 2022: Impacts, Adaptation and Vulnerability \(ipcc.ch\)](https://www.ipcc.ch/2022/08/01/impacts-adaptation-vulnerability/).

<sup>2</sup> Huwa stmat li madwar 5 miljun tunnellata ta' qamħ ma jistgħux jiġu esportati mill-Ukrajna sa tmiem Ġunju 2022. Barra minn hekk, fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2022/2023, kienu mistennija 20 miljun tunnellata oħra ta' esportazzjonijiet tal-qamħ mill-Ukrajna u jista' jkun li dawn ma jimmaterializzawx. Dawn iċ-ċifri ma jqisu l-ebda effett fuq l-esportazzjonijiet tal-qamħ mir-Russja.

Issa, aktar minn qatt qabel, **wasal iż-żmien li nuru solidarjetà**. Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-istedina tal-Kunsill Ewropew fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles tiegħu tal-10 u l-11 ta' Marzu 2022, biex tippreżenta l-alternattivi biex jiġu indirizzati l-prezzijiet tal-ikel li qed jogħlew u l-kwistjoni tas-sigurtà globali tal-ikel. Hija bbażata fuq valutazzjoni tas-sitwazzjoni (l-Anness 1) u tibni fuq il-viżjoni tagħha għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent stabbilita fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt tagħha. Il-Komunikazzjoni tistabbilixxi **l-miżuri fuq terminu qasir biex jiġu appoġġati s-sigurtà tal-ikel u l-agrikoltura** fl-Ukrajna, is-sigurtà globali tal-ikel, kif ukoll il-produtturi u l-konsumaturi fl-UE. Din tappella wkoll biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet żvelati mill-kriżi li qed tiżviluppa b'modi li **jsaħħu t-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli, reżiljenti u ġusti** fl-UE u globalment.

## 2. SIGURTÀ GLOBALI TAL-IKEL

Hemm ir-riskju li l-invażjoni Russa fl-Ukrajna se jkollha konsegwenzi serji fuq is-sigurtà globali tal-ikel, kemm fl-Ukrajna iżda kif ukoll f'haġna pajjiżi b'nuqqas ta' ikel fl-Afrika (inkluż l-Afrika sub-Saħarjana), fil-Lvant Nofsani, u fil-Balkani tal-Punent. Flimkien maż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel, dan aktarx iżid il-faqar u l-instabbiltà f'dawn il-pajjiżi.

**Is-sigurtà tal-ikel fl-Ukrajna mifnija mill-gwerra hija ta' tħassib kbir**, partikolarment peress li jidher li r-Russja qiegħda deliberatament timmira lejn il-ħażniet u l-postijiet tal-ħżin tal-ikel u teqridhom. L-Appell tan-NU jistma li se jiġu affettwati sa 18-il miljun persuna fl-Ukrajna, inkluż sa 6.7 miljun persuna li se jiġu spostati internament għall-ewwel darba. In-nuqqas ta' ikel fl-ibliet flimkien ma' miljuni ta' refuġjati u persuni spostati **jappellaw għal għajjnuna alimentari urġenti fl-Ukrajna**. L-atturi umanitarji, bħall-Programm Dinji tal-Ikel, qed jipprovdu l-assistenza għall-ikel u jżidu l-operazzjonijiet. L-UE qed timmobilizza l-għajjnuna kemm permezz tal-protezzjoni ċivili kif ukoll permezz tal-mekkaniżmi umanitarji tagħha. L-għajjnuna umanitarja tal-UE, li diġà hija operattiva, tammonta għal EUR 93 miljun għall-Ukrajna u għall-Moldova, u tinkludi l-assistenza għall-ikel u l-appoġġ għall-ħtiġijiet bażiċi.

**Il-ħsad tal-2022 fl-Ukrajna**, magħrufa bħala l-matmura tal-qamħ tal-Ewropa, **se jiġi affettwat b'mod sostanzjali mill-gwerra u mit-taqlib ġenerali**. Il-bdiewa Ukreni jeħtieġu ż-żrieragħ, id-diżil, il-fertilizzanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti biex jiżguraw il-produzzjoni. Il-Kummissjoni qed tappoġġa lill-Ukrajna biex tiżviluppa u timplimenta strateġija għas-sigurtà tal-ikel fuq terminu qasir u medju biex jiġi żgurat li fejn possibbli, l-inputs jaslu fl-azjendi agrikoli u li l-faċilitajiet tat-trasport u tal-ħżin jinżammu sabiex l-Ukrajna tkun tista' titma' liċ-ċittadini tagħha u eventwalment terġa' tikseb is-swieq tal-esportazzjoni tagħha. Il-Kummissjoni taħdem mal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) fuq il-post fil-Punent tal-Ukrajna biex tappoġġa l-azjendi agrikoli żgħar u tiżgura l-produzzjoni agrikola. Barra minn hekk, fuq talba tal-awtoritajiet agrikoli Ukreni, il-Kummissjoni se tiżgura li l-aċċess għas-swieq tal-UE jiġi ppreservat u ffaċilitat b'mod flessibbli kemm għall-importazzjonijiet lejn is-swieq Ukreni kif ukoll għall-esportazzjonijiet minnhom. Il-gvern Ukren qed jippjana li jiffinanzja l-imgħax tas-self għall-bdiewa fil-qafas ta' programm b'valur ta' 25 biljun hryvnias (EUR 760 miljun) bħala parti minn sensiela ta' miżuri ġodda biex jittaffa x-xokk ekonomiku tal-gwerra. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, l-organizzazzjonijiet tal-bdiewa tal-UE qed jipprovdu l-assistenza u l-appoġġ lill-bdiewa Ukreni.

Il-gwerra taffettwa direttament il-provvisti globali tal-ikel (b'mod partikolari il-qamħ, il-qamħirrum, ix-xgħir u ż-żejt taż-żerriegħa tal-ġirasol), kif ukoll il-prezzijiet tal-

fertilizzant u dawk tal-enerġija. Iż-żidiet attwali fil-prezzijiet jiżdiedu ma' sitwazzjoni soċjoekonomika diġà diffiċli, minħabba l-COVID-19, in-nixfiet u kunflitti oħra. **F'Settembru 2021, aktar minn 161 miljun persuna fi 42 pajjiż kienu diġà qed jesperjenzaw insigurtà tal-ikel akuta.** Kważi persuna minn kull tlieta fid-dinja ma għandhiex aċċess għal ikel adegwat u għal madwar 3 biljun persuna, il-kostijiet ta' dieta tajba għas-saħħa ma kinux affordabbli. Hemm riskju li dawn in-numri jkomplu jogħlew u b'hekk ma jintlaħqux l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli sal-2030. Skont l-analiżi inizjali tal-FAO, in-numru ta' persuni b'nuqqas ta' nutrizzjoni globalment huwa mbassar li jiżdied b'7.6 miljun persuna (f'xenarju ta' xokk moderat) sa 13.1-il miljun persuna (f'xenarju ta' xokk qawwi).

Għal ħafna pajjiżi b'introjtu baxx u saħansitra għall-pajjiż b'introjtu medju inferjuri, dawn iċ-ċirkostanzi jimplikaw **żieda fil-kont tal-importazzjoni (tal-ikel)**, fi żmien fejn id-dejn żdied u r-rati tal-kambju qegħdin taħt stress. Il-pajjiżi li jimportaw parti kbira mill-ikel tagħhom mir-Russja u mill-Ukrajna, b'mod partikolari l-qamħ, li huwa komodità bażika importanti (eż. fl-Afrika, fil-Lvant Nofsani u fil-Balkani tal-Punent) huma milquta ħafna u jistgħu jaraw żieda fit-tensjonijiet li jwasslu għall-inkwiet soċjali, ir-radikalizzazzjoni u l-instabbiltà. Il-pajjiżi li jiddependu fuq l-importazzjoni tal-fertilizzanti għal parti sinifikanti mill-produzzjoni agrikola tagħhom, li wħud minnhom jiddependu wkoll fuq l-importazzjoni tal-qamħ, se jiffaċċjaw żieda fil-kostijiet, li tista' ma tibqax sostenibbli f'ċirku vizzjuż, li jhedded il-produzzjoni tal-ikel għall-ħsad li jmiss.

Aktarx jiżdiedu l-ħtiġijiet u l-kostijiet umanitarji u b'hekk titpoġġa pressjoni addizzjonali fuq l-għajjnuna umanitarja. Pereżempju, il-Programm Dinji tal-Ikel jistma li l-kostijiet operazzjonali tiegħu se jiżdiedu b'EUR 26.1 miljun fix-xahar meta mqabbla mal-livelli attwali, permezz tal-effett ikkombinat taż-żidiet fil-prezzijiet tal-ikel u tal-fjuwil. Meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija, dawn il-kostijiet addizzjonali huma ta' EUR 63.8 miljun fix-xahar.

L-UE, bħala attur umanitarju u tal-iżvilupp ewlieni fis-sigurtà nutrizzjonali u tal-ikel, tipprovdi appoġġ finanzjarju u politiku sostanzjali. Mill-2015, l-UE nefqet minimu ta' EUR 350 miljun fuq l-assistenza umanitarja tal-ikel fis-sena. Barra minn hekk, fil-perjodu 2014-2020, **l-UE impenjat aktar minn EUR 10 biljun fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp biex ittejjeb is-sigurtà tal-ikel għal dawk l-aktar foqra u vulnerabbli, tgħin biex jinqered il-ġuħ, u tindirizza aħjar il-forom kollha ta' malnutrizzjoni.** Għall-perjodu 2021 – 2024, l-UE qed twieġhed mill-inqas EUR 2.5 biljuni (EUR 1.4 biljun għall-iżvilupp u EUR 1.1 biljun għall-għajjnuna umanitarja) għall-kooperazzjoni internazzjonali bl-objettiv tan-nutrizzjoni. Fil-programm ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-2021-2027, l-UE se tappoġġa s-sistemi tal-ikel f'madwar 70 pajjiż sieħeb.

**Il-qabża asimmetrika fil-prezzijiet futuri** mill-invażjoni Russa tal-Ukrajna 'l hawn turi li t-**tħassib dwar is-sigurtà globali tal-ikel** huwa kkonċentrat l-aktar fis-**suq tal-qamħ**. **Mill-perspettiva ġeostrateġika huwa fundamentali** li l-UE tikkontribwixxi biex tkopri d-diskrepanza fil-produzzjoni biex tindirizza n-nuqqas globali mistenni fil-**qamħ**. **L-UE mhijiex biss esportatur ewlieni nett tal-qamħ, iżda dak bl-ogħla rendimenti globalment**<sup>3</sup>. Mis-sajf li għadda, l-UE esportat 19-il miljun tunnellata ta' qamħ, bi 13-il miljun tunnellata addizzjonali mistennija sa tmiem Ġunju. Din iċ-ċifra tista' tiżdied bi ftit

<sup>3</sup> Ir-rendimenti tal-qamħ fl-UE għandhom medja ta' 5.3 tunnellati/ettari, meta mqabbla ma' 4.3 t/ħa fl-Ukrajna u kważi jew inqas minn 3 t/ħa fi bnadi oħra tad-dinja.

b'reazzjoni għall-prezzijiet għoljin li jħeġġu l-bejgħ għall-esportazzjoni. Il-prospetti għall-ħsad tal-qamħ tax-xitwa tal-2022 tal-UE huma tajbin, peress li ż-żoni żdiedu b'1 % meta mqabbla mas-sena l-oħra u l-għelejjel ma sofrewx minn kundizzjonijiet ħżiena tat-temp matul ix-xitwa fl-Istati Membri produttori ewlenin.

Fuq **terminu qasir**, il-Kummissjoni ssegwi u tanalizza l-prezzijiet tal-ikel u tal-insigurtà tal-ikel b'mod regolari, biex tkun konsistenti ma' atturi globali oħra inkluż il-livelli tal-ħażniet fil-livell reġjonali u tal-pajjiżi abbażi tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Swieq Agrikoli (AMIS), fejn possibbli. Din timmonitorja l-ħtiġijiet għal dawk il-komoditajiet fejn il-livelli globali tal-ħażniet ikunu baxxi sabiex tipprovdi s-sinjali t-tajba tas-suq biex tingħata spinta lill-produzzjoni bl-użu ta' prattiki sostenibbli. **Għandha tizzied l-assistenza umanitarja** li tindirizza l-pajjiżi b'nuqqas ta' ikel kif ukoll il-pajjiżi affettwati mill-kunflitt fl-Afrika ta' Fuq u fil-Lvant Nofsani, fl-Asja u fl-Afrika sub-Saħarjana. Fejn rilevanti, l-assistenza għandu jkollha approċċ ta' rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi u tespandi l-ħidma tan-Network Globali kontra l-Kriżijiet tal-Ikel għal-livell nazzjonali u lokali. Barra minn hekk, waqt l-ewwel Forum Umanitarju Ewropew (21-23 ta' Marzu 2022), tnediet sejħa għal azzjoni biex l-atturi **jaħdmu flimkien bħala Tim Ewropa biex jindirizzaw il-kriżi umanitarja globali dwar is-sigurtà tal-ikel**. Bl-ingranaġġ tal-azzjoni kollettiva tagħhom, l-UE u l-Istati Membri tagħha flimkien jistgħu jżidu l-għajjnuna umanitarja għall-għajjnuna u r-riabilitazzjoni.

**Il-Programm ta' Appoġġ ta' Emerġenza tal-UE** propost favur l-Ukrajna (EUR 330 miljun) għandu l-għan li jikkontribwixxi biex itaffi t-tbatija tal-popolazzjoni Ukrena kkawżata mill-invażjoni Russa billi jiżgura l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi bażiċi kif ukoll il-protezzjoni. L-Azzjoni se tikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-pajjiż u r-reżiljenza kontra t-theddid ibridu billi żżid il-kapaċità tal-gvern, l-atturi ekonomiċi, il-media u s-soċjetà ċivili biex ikunu jifilħu għall-impatt tal-kriżi u jikkontribwixxu għall-irkupru tal-pajjiż. L-enfasi se titqiegħed ukoll fuq ir-rikostruzzjoni tal-infrastruttura ċivili fuq skala żgħira u l-ippjanar strateġiku tagħha kif ukoll fuq is-sigurtà tal-enerġija.

Dan jista' jiġi kkomplementat minn appoġġ makroekonomiku, f'każijiet fejn jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà, għall-miżuri ta' mitigazzjoni biex jiġu appoġġati dawk il-gruppi l-aktar affettwati miż-żieda fil-prezzijiet (tal-ikel), u billi jiġu elaborati mekkaniżmi ta' protezzjoni soċjali. **L-UE tista' tkompli tintegra wkoll is-serħan mid-dejn fi djalogu ta' politika usa', filwaqt li tiffinanzja l-istrateġiji u l-azzjonijiet, sabiex issostni l-irkupru ekoloġiku.** Għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmi antiċipatorji biex jipprevjenu x-xokkijiet futuri qabel ma jseħħu u jnaqqsu l-impatt tagħhom fejn dawn iseħħu, aktar milli jirreaġixxu għall-konsegwenzi tagħhom.

Barra minn hekk, l-UE se tkompli targumenta bil-qawwa, inkluż fil-fora internazzjonali, **kontra r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni u l-projbizzjonijiet fuq l-esportazzjoni** peress li r-rekord ta' dawn huwa diżastruż kif muri tajjeb mill-kriżi tal-2007-2008 f'diversi partijiet tad-dinja. Il-koordinazzjoni tad-WTO se tkun essenzjali. Sabiex tizzied ir-reżiljenza, il-pajjiżi importaturi huma mħeġġa jiżguraw diversifikazzjoni aħjar tas-sorsi tal-provvisti tal-ikel. Barra minn hekk, ktajjen tal-provvista globali li jiffunzjonaw tajjeb u l-loġistika huma essenzjali għas-sigurtà globali tal-ikel.

Fuq **terminu medju**, l-UE se tkompli tappoġġa lill-pajjiżi fit-trasformazzjoni lejn sistemi tal-ikel agrikoli u akkwatiċi reżiljenti u sostenibbli. Dan jinkludi appoġġ analitiku u ta' politika, elaborat fil-kuntest tas-segwitu għas-Summit dwar is-Sistemi tal-Ikel tal-2021 u s-Summit dwar in-Nutrizzjoni għat-Tkabbir. F'dan il-kuntest, l-UE se żżid il-kooperazzjoni internazzjonali tagħha dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-ikel, inkluż billi

tieħu rwol ta' tmexxija fil-Grupp Konsultattiv dwar ir-Riċerka Agrikola Internazzjonali (CGIAR), b'referenza partikolari għall-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-ġestjoni u l-protezzjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, l-applikazzjoni ta' approċċi bħall-agroekoloġija, il-ġestjoni tal-pajsaġġ u l-agroforestrija, id-diversifikazzjoni tal-flussi kummerċjali u s-sistemi ta' produzzjoni, u t-tnaqqis tat-telf u l-ħela ta' ikel. Barra minn hekk, l-UE se ssaħħa il-kooperazzjoni internazzjonali tagħha dwar in-nutrizzjoni u d-dieti tajbin għas-saħħa, inkluż permezz tal-ġajnuna umanitarja, kif ukoll permezz tal-ktajjen ta' valur reżiljenti u inklużivi. Għall-Afrika, l-Aġenda ta' Azzjoni għat-Trasformazzjoni Rurali bejn l-Unjoni Afrikana u l-UE maqbula fl-2019 toffri bażi għal kooperazzjoni msaħħa.

L-UE hija lesta li tidentifika, flimkien mal-Organizzazzjonijiet Internazzjonali u fil-kuntest tal-proċess kontinwu tal-G7, id-domandi tal-pajjiżi importaturi netti tal-ikel u tirrispondi, jekk meħtieġ, permezz ta' appoġġ allinjat immirat għall-aġendi li huma proprjetà tal-pajjiż (allinjati mal-perkorsi nazzjonali tas-Summit dwar is-Sistemi tal-Ikel u mal-pjanijiet tal-Programm Komprensiv għall-Iżvilupp tal-Agrikoltura fl-Afrika (CAADP) fl-Afrika, pereżempju).

L-UE qed timmobilizza l-komunità internazzjonali b'mod attiv biex b'mod urġenti żżid l-azzjoni multilaterali lil hinn mill-assistenza umanitarja. Dan jinkludi l-iżguraw li l-korpi tan-NU bil-mandati rilevanti għas-sigurtà tal-ikel ikunu jistgħu jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa. Pereżempju, is-sigurtà tal-ikel hija ċentrali għall-mandat tal-FAO. Din għandha rwol ewlieni x'taqdi fl-analiżi u l-indirizzar tal-impatti li qed ikollha l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fuq is-sistemi tal-ikel internazzjonali u fil-prevenzjoni ta' aktar deterjorament, b'enfasi partikolari fuq il-protezzjoni ta' dawk l-aktar vulnerabbli. L-UE qed taħdem ukoll biex tiżgura li s-sigurtà tal-ikel tiġi integrata fl-isforzi tas-sistema sħiħa tan-NU, inkluż il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, biex jiġu affermati mill-ġdid il-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

***Il-Kummissjoni tipproponi u tħeġġeġ lill-Istati Membri biex:***

- Juru solidarjetà mal-Ukrajna billi jipprovdu **għajnuna alimentari, assistenza umanitarja u appoġġ għas-settur agrikolu u tas-sajd tagħha**, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab internazzjonali
- **Ikomplu jintegraw is-serħan mid-dejn fid-djalogu ta' politika usa', fl-istrategġiji u l-azzjonijiet ta' finanzjament, sabiex isostnu l-irkupru ekoloġiku.**
- Jiżguraw segwitu u analiżi regolari tal-prezzijiet tal-ikel u tal-insigurtà tal-ikel, li għandhom jiġu kkoordinati ma' atturi globali oħra inkluż il-livelli tal-ħażniet fil-livell reġjonali u tal-pajjiżi u li l-ħażniet isiru disponibbli għall-pajjiżi fil-bżonn.
- Ikomplu jappoġġaw lill-pajjiżi fit-trasformazzjoni lejn sistemi tal-ikel agrikoli u akkwatiċi reżiljenti u sostenibbli
- Iżidu l-assistenza umanitarja fir-reġjuni u l-gruppi tal-popolazzjoni l-aktar milquta mill-insigurtà tal-ikel
- Iqisu l-appoġġ makroekonomiku għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, **b'introjtu baxx u b'nuqqas ta' ikel**, f'każijiet fejn jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà, għall-miżuri ta' mitigazzjoni biex jappoġġaw lil dawk il-gruppi l-aktar milquta miż-żidiet fil-prezzijiet (tal-ikel)

### 3. IS-SIGURTÀ TAL-IKEL FL-UE

#### 3.1. Id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-ikel

Għall-UE, id-**disponibbiltà tal-ikel mhijiex fil-periklu**, iżda l-**affordabbiltà tal-ikel** għall-persuni b'introjtu baxx qiegħda fil-periklu.

L-UE hija fil-biċċa l-kbira awtosuffiċjenti għal haġna prodotti agrikoli u esportatur nett tal-qamħ. Madankollu, l-UE hija importatur nett konsiderevoli ta' prodotti speċifiċi li jistgħu jkunu diffiċli biex jiġu sostitwiti (malajr), bħall-proteini tal-għalf, iż-żejt taż-żerriegħa tal-ġirasol jew il-frott tal-baħar. Ma hemm l-ebda riskju ta' nuqqas mifruq għall-konsumaturi. Filwaqt li l-provvista stabbli tal-ikel fl-UE mhijiex ipperikolata, dawn il-vulnerabbiltajiet flimkien ma' kostijiet tal-input dejjem akbar fil-katina tal-provvista tal-ikel qed ikomplu jgħollu l-prezzijiet tal-ikel. Jekk il-kostijiet tal-produzzjoni ferm oġhla fil-livell tal-azjendi agrikoli ma jiġux ikkumpensati minn prezzijiet oġhla, dan jista' jaffettwa ċ-ċertezzi tal-provvista.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni reċentement stabbiliet **Mekkaniżmu Ewropew ta' tħejjija u rispons għall-Kriżijiet tas-Sigurtà tal-Ikel (EFSCM)**<sup>4</sup> li għandu l-għan li jtejjeb l-isforzi ta' koordinazzjoni mill-amministrazzjonijiet Ewropej u nazzjonali kif ukoll mill-pajjiżi rilevanti mhux tal-UE u l-partijiet ikkonċernati privati biex tiġi żgurata l-provvista tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel fi żminijiet ta' kriżi. Il-Mekkaniżmu, li beda l-ħidma tiegħu fid-9 ta' Marzu 2022, se jwettaq **immappjar bir-reqqa tar-riskji u l-vulnerabbiltajiet tal-katina tal-provvista tal-ikel tal-UE**, segwit mir-rakkomandazzjonijiet u l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji xierqa.

**Suq Uniku** li jiffunzjona tajjeb **huwa l-pedament għas-sigurtà tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel tal-UE, anke fil-kriżi attwali**. Il-ktajjen tal-provvista tagħna huma interdipendenti u kwalunkwe restrizzjoni mhux ġustifikata fis-Suq Uniku jista' jkollha konsegwenzi mhux intenzjonati, li jistgħu jheddu l-provvista ta' ikel sikur tagħna. Il-Kummissjoni topponi bil-qawwa l-miżuri tal-Istati Membri biex jipproteġu l-provvista domestika tal-ikel billi jipprevjenu l-esportazzjonijiet. Tali **miżuri li jfixklu l-kummerċ huma a priori inkompatibbli mas-Suq Uniku u fl-aħħar mill-aħħar, se jkollhom impatt negattiv fuq is-sigurtà tal-ikel**. Huwa importanti li l-Istati Membri jikkoordinaw il-miżuri bil-għan li jittejjbu l-flussi kummerċjali u li l-komoditajiet u l-ikel jaslu fil-postijiet fejn huma l-aktar meħtieġa. L-istabiliment tal-**Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza** se jkompli jsaħħaħ il-kapaċitajiet koordinattivi u ta' tħejjija tal-Unjoni u jnaqqas ir-riskji ta' restrizzjoni mhux ġustifikata. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri qed **jiskrinjaw l-Investment Dirett Barrani (FDI)** fil-qafas tar-Regolament (UE) 2019/452, li skontu jistgħu jqisu l-effett potenzjali tal-FDI fuq il-provvista ta' inputs kritiċi, kif ukoll is-sigurtà tal-ikel. Każijiet ġodda se jkunu soġġetti għal valutazzjoni profonda fid-dawl tal-impatt possibbli tagħhom fuq il-provvista tal-ikel u l-prezzijiet tal-ikel.

**Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil dawk l-aktar vulnerabbli**, inkluż ir-refuġjati mill-Ukrajna kif ukoll il-persuni b'introjtu baxx li diġà huma affettwati mill-prezzijiet għoljin tal-enerġija u li għadhom qed ibatu mix-xokk soċjoekonomiku kkawżat mill-pandemija tal-COVID. L-istudji wrew li wara ż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel tal-2008, bħala medja, l-unitajiet domestiċi xtraw inqas frott u haġix u qalbu għal ikel orħos li

---

<sup>4</sup> COM(2021) 689 tat-12.11.2021 "Pjan ta' kontinġenza biex jiġu żgurati l-provvista tal-ikel u s-sigurtà alimentari fi żminijiet ta' kriżi".

għandu t-tendenza li jkun għoli fl-ammont ta' kaloriji u nieqes min-nutrijenti (jiġifieri b'nuqqas ta' vitamini, minerali u fibra li huma essenzjali għas-saħħa).

**Fil-kuntest ta' prezzijiet tal-ikel dejjem ogħla**, il-miżuri ta' politika soċjali huma importanti kemm biex iċ-ċittadini l-aktar vulnerabbli jiġu protetti mill-insigurtà tal-ikel kif ukoll biex jiġi żgurat li kulħadd ikun jista' jaffordja ammonti suffiċjenti ta' ikel tajjeb għas-saħħa u nutrittiv, speċjalment il-gruppi vulnerabbli bħall-familji bit-tfal, il-persuni akbar fl-età u dawk b'introjtu baxx. Dawn iridu jiġu inkorporati f'approċċ integrat biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-faqar u l-esklużjoni soċjali. Barra minn hekk, il-Garanzija Ewropea għat-Tfal tipprovdi gwida għall-Istati Membri biex jiggarrantixxu l-aċċess effettiv għal nutrizzjoni suffiċjenti u tajba għas-saħħa għat-tfal fil-bżonn, inkluż mill-inqas ikla waħda tajba għas-saħħa kuljum fl-iskola.

**L-Istati Membri** jistgħu jużaw il-fondi tal-UE bħall-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD) li jappoġġa l-azzjonijiet tal-pajjiżi tal-UE biex jipprovdu assistenza tal-ikel u/jew materjali lil dawk l-aktar fil-bżonn, li jilħaq aktar minn 15-il miljun persuna bl-għajnuna alimentari. L-Istati Membri jistgħu jżidu r-riżorsi tagħhom billi jimmobilizzaw l-Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU) u jistgħu jagħmlu l-aħjar użu tal-flessibbiltajiet addizzjonali għall-programmi tal-FEAD tagħhom ipprovdut mill-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE), kif propost reċentement mill-Kummissjoni.

Biex itaffu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-ikel fuq dawk l-aktar vulnerabbli, l-Istati Membri jistgħu jimplimentaw **rati mnaqqsqa għat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** u jħeġġu lill-operaturi ekonomiċi jnaqqsu l-prezz għall-konsumaturi. F'Diċembru 2021, il-Kunsill qabel dwar riforma tar-rati tal-VAT fil-livell tal-UE, li tippermetti lill-Istati Membri jkomplu jnaqqsu r-rati tagħhom, sa 0 %, fuq ċerti prodotti u servizzi li jindirizzaw il-ħtiġijiet bażiċi, b'mod partikolari l-ikel. L-Istati Membri jistgħu diġà jagħmlu użu minn din il-possibbiltà, kif ukoll jistgħu jagħmlu trasferimenti ta' somom f'daqqa lill-unitajiet domestiċi bħala soluzzjoni effiċjenti u effettiva biex jindirizzaw l-affordabbiltà.

### 3.2. L-istabbilizzazzjoni tas-swieq agrikoli tal-UE u l-appoġġ għall-produtturi

Id-dinamika tas-suq qed tinfluwenza l-għażliet tal-produtturi. Sabiex tittaffa l-pressjoni mill-prezzijiet għoljin, l-aġġustamenti fuq terminu qasir jistgħu jnaqqsu d-domanda għall-użu tal-fjuwil u l-għalf u jżidu l-provvista billi jinċentivaw aktar taħwil tal-qamħ fir-rebbiegħa. Il-bdiewa qegħdin dejjem aktar jadottaw prattiki sostenibbli, li jistħoqqilhom aktar inkoraġġiment.

Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) u l-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) jipprevedu firxa ta' miżuri, inkluż **xibka ta' sikurezza tal-prezzijiet** u l-possibbiltà li jittieħdu **miżuri eċċezzjonali**. Dawn il-miżuri jistgħu jintużaw biex jiġu żgurati swieq stabbli u jiġu indirizzati ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali. L-appoġġ immirat għall-produtturi li qed jiffaċċjaw żieda fil-kostijiet tal-input huwa meħtieġ iżda dan ma għandux jimmina l-oġġettivi fuq terminu twil ta' sistema tal-ikel aktar reżiljenti u sostenibbli.

Il-Kummissjoni qiegħda **timmonitorja bir-reqqa s-sitwazzjoni attwali** abbażi tal-għodod ta' informazzjoni dwar is-suq żviluppatti mill-2008<sup>5</sup>. Biex il-livelli tal-ħażniet

<sup>5</sup> L-Osservatorji tas-suq agroalimentari tal-UE: [https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/farming/facts-and-figures/markets/overviews/market-observatories\\_en](https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/farming/facts-and-figures/markets/overviews/market-observatories_en).

L-Osservatorju tas-Suq tal-Prodotti tas-Sajd u tal-Akkwakultura tal-Unjoni Ewropea (EUMOFA): <https://www.eumofa.eu/>.

jigū mmonitorjati aħjar f'dan l-ambjent ta' prezzijiet għoljin u l-inċertezza perċepita dwar il-provvisti, il-Kummissjoni se tipproponi lill-Istati Membri li **jikkomunikaw kull xahar id-data dwar il-ħażniet privati** tal-komoditajiet essenzjali għall-ikel u l-għalf biex tkun tista' tingħata stampa f'waqtha u preċiża tad-disponibbiltà tagħhom.

Fid-dawl tas-sitwazzjoni eċċezzjonali attwali, il-Kummissjoni pproponiet **pakkett ta' appoġġ ta' EUR 500 miljun**, inkluż billi għamlet użu mir-riżerva għall-kriżijiet, biex tappoġġa lill-produtturi l-aktar affettwati mill-konsegwenzi serji tal-gwerra fl-Ukrajna. Abbażi ta' dan, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ finanzjarju lill-bdiewa biex jikkontribwixxu għas-sigurtà globali tal-ikel jew jindirizzaw it-tfixkil fis-suq minħabba kostijiet tal-input oġhla jew restrizzjonijiet kummerċjali. L-appoġġ għall-bdiewa involuti fi Prattiki sostenibbli għandu jingħata prijorità filwaqt li jiġi żgurat ukoll li l-miżuri jkunu mmirati lejn is-setturi u l-bdiewa li huma l-aktar milquta mill-kriżi. Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi possibbli tal-fluss tal-flus din il-ħarifa, il-Kummissjoni se tippermetti lill-Istati Membri jħallsu **livelli oġhla ta' avvanzi ta' pagamenti diretti** u miżuri ta' żvilupp rurali marbuta maż-żona u mal-annimali għall-bdiewa mis-16 ta' Ottubru 2022.

Ir-rispons tal-provvista tal-UE huwa limitat mid-disponibbiltà tal-art fertili. Sabiex tkabbar il-kapaċità tal-produzzjoni tal-UE, illum, il-Kummissjoni adottat att ta' implimentazzjoni biex b'mod eċċezzjonali u temporanju tippermetti lill-Istati Membri li **jidderogaw minn ċerti obbligi ta' ekoloġizzazzjoni**. B'mod partikolari, dawn jistgħu jippermettu **l-produzzjoni tal-għelejjel kollha għall-ikel u l-għalf** fuq l-art mistrieħa li hi parti miż-Żoni ta' Konċentrazzjoni Ekoloġika fl-2022, filwaqt li jżommu l-livell sħiħ tal-pagament ta' ekoloġizzazzjoni. Din il-flessibbiltà temporanja se tippermetti lill-bdiewa jaġġustaw u jespandu l-pjanijiet tat-tkabbir tal-għelejjel tagħhom din is-sena

Il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fl-użu tal-possibbiltajiet biex **inaqqsu l-proporzjon ta' taħlit tal-bijofjuwils**, li jista' jwassal għal tnaqqis tal-art agrikola tal-UE użata għall-produzzjoni tal-materja prima tal-bijofjuwils, u b'hekk tittaħffa l-pressjoni fuq is-swieq tal-komoditajiet tal-ikel u l-għalf.

Fir-rigward tal-operaturi tas-settur tas-sajd, il-Kummissjoni qed tqis l-attivazzjoni tal-mekkaniżmu għall-kriżijiet tal-FEMSA<sup>6</sup>, li huwa mfassal għal avvenimenti eċċezzjonali li jikkawżaw tfixkil sinifikanti tas-swieq. Dan jippermetti lill-Istati Membri jagħtu kumpens lill-operaturi għall-introjtu mitluf u t-telf ekonomiku tagħhom, u lill-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti, li jaħżnu l-prodotti tas-sajd<sup>7</sup>.

Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrimedjaw it-tfixkil serju fl-ekonomija li jirriżulta mill-gwerra fl-Ukrajna, il-Kummissjoni adottat **Qafas Temporanju ta' Kriżi** ġdid u awtonomu fit-23 ta' Marzu 2022. Dan il-qafas jippermetti l-appoġġ għall-impriżi milquta direttament jew indirettament mill-kriżi, inkluż il-bdiewa u s-sajjieda, fil-forma ta' appoġġ ta' likwidità u għajjnuna għaż-żieda fil-kostijiet tal-gass u l-elettriku. Dan il-qafas jippermetti l-għajjnuna, inkluż għotjiet diretti, għall-produtturi affettwati mill-kriżi (bħal

---

Il-prospettiva fuq terminu qasir għall-prodotti agrikoli, il-ħarġa li jmiss skedata għall-4 ta' April 2022: [https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/farming/facts-and-figures/markets/outlook/short-term\\_en#arablecrops](https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/farming/facts-and-figures/markets/outlook/short-term_en#arablecrops).

<sup>6</sup> Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) skont l-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2021/1139

<sup>7</sup> F'konformità mal-mekkaniżmu ta' ħżin tal-Artikolu 30 u 31 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

dawk affettwati minn żidiet sinifikanti fil-kostijiet tal-input, b' mod partikolari l-għalf u l-fertilizzant) kif ukoll l-għajnuna għall-impriżi li jagħmlu użu intensiv mill-enerġija (bħall-manifatturi tal-fertilizzanti u l-industrija tal-ipproċessar).

Fuq terminu qasir, id-**disponibbiltajiet tal-għalf tal-animali** huma ta' tħassib ukoll. Il-produtturi tal-bhejjem u tal-akkwakultura diġà qed ifittxu sorsi ta' provvista alternattivi biex jissostitwixxu l-provvisti mitlufa minħabba l-gwerra. Xi Stati Membri ddeċidew li jagħmlu użu mill-flessibbiltà eżistenti fil-leġislazzjoni tal-UE<sup>8</sup> għall-importazzjonijiet f'każijiet debitament ġustifikati, fuq bażi eċċezzjonali u temporanja, li ma jikkompromettux is-sikurezza tal-ikel u s-saħħa tal-konsumatur. Il-Kummissjoni timmonitorja dawn il-miżuri nazzjonali. Fl-aħħar, ġew varati il-miżuri ta' xibka ta' sikurezza fis-suq biex jappoġġaw is-suq tal-laħam tal-majjal, fid-dawl tad-diffikultajiet speċifiċi għal dak is-settur.

Il-prezzijiet għoljin tal-fertilizzanti jinkoraġġixxu użu aktar effiċjenti u jixprunaw l-innovazzjoni fl-użu ta' alternattivi aktar sostenibbli li jikkontribwixxu għall-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt li jnaqqsu t-telf tan-nutrijenti b'50 % sal-2030. Il-biedja organika, pereżempju, tuża ammonti limitati ta' fertilizzant minerali u għalhekk hija inqas esposta għaż-żidiet fil-prezzijiet. Madankollu, fuq terminu qasir, il-**kost u d-disponibbiltà tal-fertilizzanti minerali** jridu jkomplu jkunu prijorità, sakemm issir it-tranżizzjoni lejn l-użu ta' tipi ta' fertilizzanti jew metodi ta' fertilizzar sostenibbli. L-industrija tal-fertilizzanti fl-UE trid tkun tista' taċċessa l-importazzjonijiet meħtieġa, inkluż il-gass għall-produzzjoni tal-fertilizzanti fl-UE nnifisha. Il-prezzijiet u l-provvisti tal-fertilizzanti għall-bdiewa se jiġu mmonitorjati biex jiġi żgurat li l-prospetti għall-ħsad tal-UE ma jiġux ipperkolati.

#### 4. L-IŻGURAR TAR-REŻILJENZA TAS-SISTEMA TAL-IKEL

##### 4.1. Sistemi tal-ikel sostenibbli

Filwaqt li l-miżuri ta' appoġġ ta' emerġenza fuq terminu ta' żmien qasir huma importanti, dawn ma jissostitwix l-importanza li maż-żmien, is-settur tal-ikel jiġi ffukat mill-ġdid fuq is-sostenibbiltà u r-reżiljenza.

**Is-sostenibbiltà tal-ikel hija fundamentali għas-sigurtà tal-ikel.** Mingħajr tranżizzjoni stabbilita fl-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u dik għall-Bijodiversità, is-sigurtà tal-ikel se tkun f'riskju serju fuq terminu medju u twil, b'impatti globali irriversibbli. Fl-implimentazzjoni ta' dawn l-istrateġiji, il-Kummissjoni hija **ħerqana li tiżgura li l-produttività ġenerali tal-agrikoltura u l-produzzjoni tal-ħut u tal-frott tal-baħar tal-UE ma tiġix imminata.**

Il-Kummissjoni, konxja ħafna tal-interrelazzjonijiet bejn saħħitna, l-ekosistemi, il-ktajjen tal-provvista, ix-xejriet tal-konsum u l-limiti planetarji tagħna, stabbiliet il-viżjoni tagħha għal **sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent** fl-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt. F'din l-istrateġija, il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza tar-reżiljenza tas-sistema tal-ikel tal-UE, biex jiġi żgurat l-aċċess għal provvista suffiċjenti ta' ikel affordabbli għaċ-ċittadini fiċ-ċirkostanzi kollha u biex issir tranżizzjoni lejn sistemi tal-

<sup>8</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u animali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE

ikel sostenibbli b'mod ġust u demokratiku, f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Il-kriżi attwali tikkonferma id-dipendenza tas-sistema tal-ikel tal-UE fuq l-inputs importati, bħall-fjuwils fossili, il-fertilizzant, l-ġhalf u l-materja prima, filwaqt li tikkonferma l-ħtieġa ta' **orjentazzjoni fundamentali mill-ġdid tal-agrikoltura tal-UE** u tas-sistemi tal-ikel tal-UE lejn is-sostenibbiltà, f'konformità mal-Patt Ekoloġiku u l-PAK riformata u ffaċilitata mill-azzjonijiet proposti fil-Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali<sup>9</sup>.

L-użu mtejjeb u mnaqqas tal-inputs (nutrijenti, pestiċidi) u l-biedja organika (li tiddependi inqas fuq dawn l-inputs) huma pilastru tat-tranżizzjoni lejn l-agrikoltura sostenibbli. It-tmieni tal-ħela mir-rimi fil-baħar u l-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat se jġib l-istokkijiet tal-ħut f'livelli sostenibbli. Il-kriżi attwali tenfasizza wkoll il-kost tan-nuqqas ta' azzjoni, inkluż l-urġenza li jiġu indirizzati l-isfidi f'termini ta' produttività agrikola u l-konsegwenzi ambjentali tat-tibdil indirett fl-użu tal-art, inkluż fil-pajjiżi terzi.

**L-innovazzjoni permezz tar-riċerka, l-ġarfien, it-teknoloġija, l-agroekoloġija u l-adozzjoni tal-aħjar prattiki** tista' ttaffi l-pressjoni fuq il-kostijiet tal-input mingħajr ma tagħmel ħsara lill-kapaċità tal-produzzjoni, **u twassal għall-progress fuq terminu twil fil-produttività** biex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika. Aktar importanti minn hekk, din se tgħin biex tinkiseb bidla fundamentali fis-soċjetà billi tnaqqas il-ħela tal-ikel, ttejjeg aktar dieti bbażati fuq il-pjanti u tibni s-sħubijiet mal-pajjiżi terzi għall-iżvilupp ta' sistemi tal-ikel sostenibbli. Informazzjoni mtejjba dwar is-sostenibbiltà tal-ikel tagħna se tagħti s-setgħa lill-konsumaturi biex jagħmlu l-għażla sostenibbli. Il-ġlieda kontra t-telf u l-ħela tal-ikel tnaqqas il-pressjoni fuq ir-riżorsi naturali limitati u jgħib magħha l-iffrankar u r-ridistribuzzjoni tal-ikel żejjed lil dawg fil-bżonn.

L-azzjonijiet li jżidu r-**rendimenti b'mod sostenibbli** kemm permezz tal-innovazzjoni teknoloġika kif ukoll permezz ta' dik agroekoloġika, jeħtieġ li jingħataw prijorità. Il-Kummissjoni se tippromovi regoli ġodda biex tiffaċilita t-tqegħid fis-suq tal-**prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi attivi bijoloġiċi**. Din qed tivvaluta wkoll l-għażliet għal regoli ġodda dwar **tekniki ġenomiċi ġodda**, li għandhom il-potenzjal li jgħallqu varjetajiet ta' pjanti li huma inqas suxxettibbli għat-temperaturi u t-tbeddid klimatiku li qed jinbidlu, aktar reżistenti għall-pesti tal-pjanti u aktar effiċjenti fl-użu tal-fertilizzanti. Biex tiġi ssalvagwardjata l-fertilità tal-ħamrija, il-Missjoni ta' Orizzont Ewropa "Patt dwar il-ħamrija għall-Ewropa", għandha l-għan li tistabbilixxi 100 laboratorju ħaj u inizjattiva fanal biex imexxu t-tranżizzjoni lejn ħamrija b'saħħitha.

Il-kriżi attwali u drammatika tikkonferma li jeħtieġ li **nħaffu t-tranżizzjoni tas-sistema tal-ikel lejn is-sostenibbiltà** biex inħejju aħjar għal kriżijiet futuri. Bħala segwitu għas-Summit tan-NU dwar is-Sistemi tal-Ikel tal-2021, il-Kummissjoni se tinvolvi ruħha fi tmien koalizzjonijiet<sup>10</sup> li kollha huma mmirati lejn it-trasformazzjoni u r-reżiljenza tas-sistema tal-ikel u t-tkabbir sostenibbli tal-produttività.

<sup>9</sup> Viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE - Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040, COM/2021/345 final.

<sup>10</sup> It-tmien koalizzjonijiet li l-Kummissjoni se tipparteċipa fihom huma: L-ikel qatt mhu ħela, Dieti Tajbin għas-Saħħa minn Sistemi tal-Ikel Sostenibbli għat-Tfal u għal Kulħadd, Il-Koalizzjoni tal-Ikiet fl-Iskola, L-Ikel Akkwatiku u l-Ikel Blu, L-Agroekoloġija, Ebda Ġuħ, Il-Ġlieda kontra l-kriżijiet tal-ikel tul ir-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi, It-Tkabbir tal-Produttività Sostenibbli. Aktar informazzjoni: <https://foodsystms.community/coalitions/>.

Ir-rwol tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK għall-perjodu 2023-2027 se jkunu kruċjali fl-appoġġ tat-tranżizzjoni lejn **prattiki agrikoli sostenibbli u sistemi ta' produzzjoni reżiljenti**, aktar partikolarment permezz tal-kombinazzjoni ta' qafas ta' politika aktar orjentat lejn ir-riżultati u sett ta' strumenti u mekkaniżmi ta' politika aktar effettivi. Dan se jkun il-fokus tal-osservazzjonijiet li jmiss tal-Kummissjoni dwar l-abbozzi tal-pjanijiet tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex jiżguraw **distribuzzjoni aktar ġusta tal-appoġġ għall-introjtu** biex isaħħu b'mod partikolari r-reżiljenza tal-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, li huma vulnerabbli għall-volatilità tas-swieq li tista' thedded il-kontinwità. Il-Kummissjoni tteġġegħ lill-Istati Membri wkoll biex jagħmlu aktar użu mill-fond għall-iżvilupp rurali biex jiffinanzjaw **l-għodod għall-ġestjoni tar-riskju**, jgħinu lill-bdiewa jlaħħqu mat-telf tad-dħul u tal-introjtu, u biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra u tipi oħra ta' diversifikazzjoni tal-introjtu mill-azjendi agrikoli. Bl-istess mod, tilqa' l-pjanijiet biex jiġi ffaċilitat **l-aċċess għall-kreditu** għall-bdiewa, biex ikunu jistgħu jinvestu f'metodi ta' produzzjoni sostenibbli, inkluż pereżempju l-produzzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tistenna wkoll li l-Istati Membri jiddefinixxu u jimplementaw il-mekkaniżmu l-ġdid ta' kundizzjonalità b'tali mod li **jimmassimizza l-oġettivi klimatiċi u ambjentali, filwaqt li jimminimizza l-impatt potenzjali tiegħu fuq terminu qasir fuq il-kapaċità tal-produzzjoni**. Pereżempju, is-sehem minimu ta' raba' li jinħadem li għandu jiġi allokat għall-biodiversità għandu jiffoka aktar fuq iż-żamma u l-istabbiliment tal-karatteristiċi mhux produttivi bħall-karatteristiċi tal-pajsaġġ (eż. is-sisien tal-arbuxelli u s-siġar) milli fuq ir-raba' mistrieħ (li jillimita l-potenzjal tal-produzzjoni tal-UE).

L-Istati Membri huma mħeġġa jirrevedu l-pjanijiet strateġiċi tal-PAK tagħhom bil-għan li jappoġġaw lill-bdiewa fl-adozzjoni ta' **prattiki li jottimizzaw l-effiċjenza tal-fertilizzanti, u b'hekk inaqqsu l-użu tagħhom**. Dan jista' jsir speċifikament permezz tal-biedja ta' preċiżjoni, iżda l-biedja organika, l-agroekoloġija u użu aktar effiċjenti permezz ta' pariri u taħriġ dwar il-ġestjoni tan-nutrijenti wkoll jaqdu rwol importanti. L-Istati Membri għandhom jisfruttaw bis-siħ il-possibiltajiet tal-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom f'dan ir-rigward kif ukoll jottimizzaw u jnaqqsu l-użu ta' inputs oħra bħall-antibijotiċi u l-pestiċidi u jinvolvu ruħhom fis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola.

#### **4.2. It-tisħiħ tar-reżiljenza permezz tat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u l-inputs importati**

Ir-reżiljenza tas-settur tal-ikel tal-UE teħtieġ sorsi ta' **importazzjoni diversifikati u swieq disponibbli** permezz ta' politika kummerċjali ambizzjuża u robusta, kemm b'mod multilaterali kif ukoll permezz tal-ftehimiet kummerċjali. Il-**ħtieġa li tiġi indirizzata d-dipendenza tas-setturi Ewropej tal-agrikoltura u tas-sajd fuq l-enerġija u l-importazzjonijiet intensivi fl-enerġija** nkixfet permezz tal-gwerra fl-Ukrajna u r-reazzjoni tas-swieq.

**It-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fertilizzant minerali prodott bil-fjuwils fossili**, hija oġettiv partikolarment importanti. Il-fertilizzant **tan-nitroġenu** huwa prinċipalment prodott bil-gass naturali (kemm bħala sors ta' enerġija kif ukoll bħala sustanza reattiva). L-investimenti fil-bijoekonomija ċirkolari jikkontribwixxu għas-sostituzzjoni tal-prodotti, il-materjali u l-enerġija bbażati fuq il-fossili, u b'hekk jgħinu għad-

dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija<sup>11</sup>. Il-produzzjoni tal-fertilizzant minerali bit-teknoloġija nadifa hija qasam ta' innovazzjoni importanti. Il-Kummissjoni qed tappoġġa t-tranżizzjoni lejn l-**ammonijaka ekoloġika**<sup>12</sup>, eż. għall-produtturi tal-fertilizzanti permezz tal-varar tal-idroġenu nadif kif stabbilit fl-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-Idroġenu<sup>13</sup> u appoġġat mill-**Alleanza għall-Idroġenu Nadif** u EUR 800 miljun f'investiment.

**Il-fosfat u l-potassa** huma nutrijenti ewlenin fl-iżgurar ta' rendimenti tajbin ta' għelejjel li jin ħartu, ta' kwalità għolja. Hemm dipendenza akuta fuq l-importazzjonijiet ta' dawn iż-żewġ nutrijenti peress li l-biċċa l-kbira tar-riżervi jinsabu fil-pajjiżi terzi, inkluż ir-Russja, iċ-Ċina, il-Marokk u l-Belarussja. L-esportazzjonijiet tal-potassa mir-Russja u l-Belarussja jammontaw għal 40 fil-mija tal-kummerċ globali. Bħala riżultat tas-sanzjonijiet adottati reċentement, se jkun meħtieġ li l-UE tissostitwixxi s-sehem tal-importazzjoni ta' dawn iż-żewġ pajjiżi, għal 60 % għall-potassa u 35 % għall-fosfati rispettivament, minn sorsi oħra. Il-ftehim ta' kummerċ ħieles diġà fis-seħħ jista' jiffaċilita l-akkwist ta' dawn l-inputs minn oriġini oħra. Il-Kummissjoni se timmonitorja bir-reqqa s-sitwazzjoni sabiex tantiċipa n-nuqqasijiet possibbli u jekk meħtieġ, tiegħu azzjoni rimedjali temporanja biex tiffaċilita dan l-akkwist.

L-Unjoni, permezz ta' **Orizzont Ewropa**, se tkompli tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni biex tissostitwixxi l-użu ta' fertilizzanti sintetiċi u biex tħaffef it-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli, ċirkolari, u effiċjenti fir-riżorsi fl-UE. Fil-qafas ta' wieħed mill-programmi ta' ħidma għall-2021-2022, se jiġi allokat baġit sostanzjali ta' EUR 268.5 miljun għas-settur ċirkolari u dak tal-bijoeconomija. Barra minn hekk, is-Sħubija Ewropea għal Ewropa Ċirkolari b'bażi bijoloġika se tkun mogħnija b'ammont massimu ta' EUR 1 biljun għal perjodu ta' seba' snin, fejn se tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-produtturi primarji. Din tappoġġa l-perkorsi promettenti identifikati fl-Istrateġija dwar il-Bijoeconomija, bħaż-**żieda fl-użu sostenibbli tal-bijomassa, l-irkupru ta' nutrijenti prezzjużi** (inkluż il-fosfati<sup>14</sup> u n-nutrijenti mid-demel tal-bhejjem) u **l-produzzjoni tal-alternattivi b'bażi bijoloġika** (inkluż billi jintużaw il-prodotti inċidentali, ir-residwi u l-flussi tal-iskart) biex jingħalaq iċ-ċiklu tan-nutrijenti, filwaqt li jiġu protetti l-kwalità tal-ilma, tal-arja u tal-ħamrija. L-aċċess għas-suq intern tal-prodotti maħruġa mill-ekonomija ċirkolari se jiġi ffaċilitat<sup>15</sup>. Il-Kummissjoni se tkompli tqis aktar passi regolatorji sikuri biex tippermetti possibiltajiet usa' għall-użu tan-nutrijenti rkuprati mid-demel tal-bhejjem. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tiżviluppa pjan ta' azzjoni integrat għall-ġestjoni tan-nutrijenti mal-Istati Membri biex tindirizza t-tniġġis minn nutrijenti f'ras il-għajn u żżid is-sostenibbiltà tas-settur tal-bhejjem.

---

<sup>11</sup> [https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/food-farming-fisheries/farming/documents/factsheet-agri-value-chains\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/food-farming-fisheries/farming/documents/factsheet-agri-value-chains_en.pdf)[https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/food-farming-fisheries/farming/documents/factsheet-agri-water-nutrients-waste\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/food-farming-fisheries/farming/documents/factsheet-agri-water-nutrients-waste_en.pdf).

<sup>12</sup> Il-proġetti b'ammont ta' bejn EUR 30-35 biljun jistgħu jsiru operattivi fuq terminu qasir sa medju, eż. fi Spanja, fin-Netherlands, fl-Awstrija u fl-Iżvezja.

<sup>13</sup> COM(2020)301 final.

<sup>14</sup> Perezempju: "Phos4You: deploying phosphorus recycling from wastewater in North-West Europe" [Phos4You - PHOSphorus Recovery from waste water FOR YOUr Life | Interreg NWE \(nweurope.eu\)](https://www.nweurope.eu/phos4you-phosphorus-recovery-from-waste-water-for-your-life/)

<sup>15</sup> Wara d-dħul fis-seħħ fil-15 ta' Lulju 2022 tar-Regolament (UE) 1009/2019 dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE.

L-użu tal-enerġija fl-agrikoltura u fil-produzzjoni tal-frott tal-baħar diġà qed jonqos fil-pajjiżi industrijalizzati minħabba t-titjib fl-effiċjenza<sup>16</sup>. Hemm ambitu għal aktar titjib permezz ta' **effiċjenza akbar fl-użu tan-nitroġenu, il-valorizzazzjoni tal-bijomassa u t-tnaqqis fil-ħela tal-ikel**. Ir-riċerka u l-innovazzjoni mmirati se jkollhom l-għan li jtejbu aktar l-effiċjenza tal-applikazzjoni tal-fertilizzanti fil-livell tal-azjendi agrikoli, fost l-oħrajn billi jintużaw it-tekniki tal-**biedja ta' preċiżjoni**. Barra minn hekk, il-finanzjament tal-UE jippromwovi r-riċerka dwar is-sistemi tal-produzzjoni tal-ikel, inkluż il-**biedja mħallta, l-agroekoloġija jew dik organika**. L-għelejjel leguminużi, li jiffissaw in-nitroġenu u jużaw inqas fertilizzanti tan-nitroġenu, jaqdu rwol ewlieni f'dawk is-sistemi ta' produzzjoni u se jingħataw attenzjoni speċifika. Jista' jinkiseb nuqqas fl-użu tad-diżil għat-tratturi permezz tal-innovazzjoni li tnaqqas l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u t-tnaqqija mekkanika.

Il-**ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut** flimkien ma' bastimenti tas-sajd aktar effiċjenti fl-enerġija se jikkontribwixxu wkoll għal tnaqqis fl-użu tal-fjuwils fossili għall-produzzjoni tal-frott tal-baħar.

It-**tħaffif tal-produzzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli** huwa prijorità oħra li jikkontribwixxu għaliha l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, il-FEMSA<sup>17</sup>, kif ukoll il-finanzjament tan-NextGenerationEU. Il-ġenerazzjoni tal-elettriku fil-parks permezz tal-enerġija mir-riħ, dik solari jew il-bijogass mhux biss se ssaħħaħ ir-reżiljenza ta' dawk il-parks partikolari, iżda se tikkontribwixxi wkoll għas-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-provvista tal-enerġija Ewropea. F'din il-kriżi, irridu nevitaw li jiżdied l-użu tal-għelejjel tal-ikel u tal-għalf bħala materja prima tal-bijofjuwil. Il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex isaħħu l-investimenti fil-bijogass minn sorsi rinnovabbli abbażi tal-azjendi agrikoli jew tal-kooperattivi agrikoli, inkluż b'mod partikolari l-iskart u r-residwi mill-agrikoltura u l-akkwakultura, biex jiġi ankrat il-ħolqien tal-valur fl-ekonomija rurali.

It-**tnaqqis tad-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-għalf** huwa parti mit-trasformazzjoni akbar tas-sistema tal-ikel tal-UE, inkluż bidla lejn aktar dieti bbażati fuq il-pjanti u l-iżgurar ta' sistema tal-ikel aktar reżiljenti u awtonoma. Fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles tiegħu, il-Kunsill Ewropew appella biex tingħata spinta lill-**produzzjoni tal-proteina tal-pjanti tal-UE**.

Mill-inqas 19-il Stat Membru biħsiebhom jagħmlu użu mill-possibiltajiet biex jipprovdu "appoġġ akkoppjat" għall-għelejjel li fihom il-proteini fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għall-2023-2027. Il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri wkoll biex jagħmlu użu minn possibiltajiet oħra biex jappoġġaw il-produzzjoni tal-proteina tal-pjanti, inkluż interventi settorjali ddedikati, bħala parti mis-**sistemi ta' biedja sostenibbli bbażati fuq sorsi tal-għalf iddiversifikati**. Il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni speċifika lill-għelejjel li fihom il-proteini fil-valutazzjoni fil-qosor tagħha tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK<sup>18</sup> tal-Istati Membri, filwaqt li se tirrieżamina wkoll l-politika identifikata fir-rapport tal-2018 tagħha dwar l-iżvilupp tal-proteini tal-pjanti fl-UE<sup>19</sup>.

---

<sup>16</sup> Crippa et al. (2021) Nature Food. <http://www.nature.com/articles/s43016-021-00225-9>.

<sup>17</sup> Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura.

<sup>18</sup> L-Artikolu 141(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

<sup>19</sup> COM(2018) 757 final.

### ***Il-Kummissjoni se:***

- Tappoġġa, permezz tal-**Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD)**, l-azzjonijiet tal-pajjiżi tal-UE biex jipprovdu assistenza tal-ikel u/jew materjali lil dawk l-aktar fil-bżonn.
- **Twassal pakkett ta' appoġġ ta' EUR 500 miljun** biex tappoġġa lill-bdiewa l-aktar milquta.
- Tvara **miżuri ta' xibka ta' sikurezza fis-suq** biex tappoġġa lis-swieq speċifiċi u tippermetti livelli oġhla ta' **avvanzi ta' pagamenti diretti** aktar tard din is-sena.
- Tapplika **Qafas Temporanju ta' Kriżi (TCF)** awtonomu ġdid għall-għajnuna mill-Istat.
- Tippermetti lill-Istati Membri **jidderogaw minn ċerti obbligi tal-ekoloġizzazzjoni fl-2022** biex aktar raba' tinbidel għall-produzzjoni.

### ***L-Istati Membri huma mħeġġa:***

- Jużaw il-pjanijiet strateġiċi l-ġodda tal-PAK biex **jagħtu prijorità lill-investimenti li jnaqqsu d-dipendenza fuq il-gass u l-fjuwil u inputs bħall-pestiċidi u l-fertilizzanti, eż.:**
  - L-investimenti fil-produzzjoni sostenibbli tal-bijogass, li jnaqqsu d-dipendenza fuq il-gass Russu.
  - L-investimenti fil-biedja ta' preċiżjoni, li jnaqqsu d-dipendenza fuq il-fertilizzanti sintetiċi u minerali kif ukoll fuq il-pestiċidi kimiċi.
  - L-appoġġ għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, li jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jipprovdi introjtu aħjar għall-bdiewa.
  - L-appoġġ għall-prattiki agroekoloġiċi, li jnaqqas id-dipendenza fuq l-inputs kimiċi u jiżgura sigurtà tal-ikel dejjiema.
- **L-iżgurar tal-effettività u l-kopertura tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali** u l-aċċess għas-servizzi essenzjali għal dawk fil-bżonn

## **5. KUMMENTI KONKLUŻIVI**

Gwerra mhux ipprovokata fuq il-kontinent Ewropew gābet mill-ġdid l-insigurtà tal-ikel fl-Ukrajna, pajjiż b'uħud mill-aktar ħamriji fertili fl-Ewropa.

Id-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal-Kunsill Ewropew tappella lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni urġenti biex tippreżenta l-għażliet biex jiġu indirizzati l-prezzijiet tal-ikel u l-kwistjoni tas-sigurtà globali tal-ikel malajr kemm jista' jkun. Din il-Komunikazzjoni tiddekrivi l-azzjonijiet immedjati u kontinwi biex tiġi appoġġata s-sigurtà tal-ikel għaċ-ċittadini tal-Ukrajna kif ukoll tiġi appoġġata s-sigurtà tal-ikel fil-pajjiżi b'nuqqas ta' ikel. Din tindirizza l-affordabbiltà tal-ikel fl-UE u l-isfidi speċifiċi fuq terminu qasir għall-produtturi li qed jiffaċċjaw kostijiet tal-input għoljin. Il-Komunikazzjoni tfakkar fl-impenn li ħadet Kummissjoni fil-Patt Ekoloġiku u fl-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u tistabbilixxi l-azzjonijiet fuq terminu medju biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel sostenibbli.

Il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv u jimplimentaw malajr l-azzjonijiet meħtieġa biex jindirizzaw it-tħassib urġenti u l-vulnerabbiltajiet fuq terminu twil. L-Istati Membri huma f'pożizzjoni li jimplimentaw

ħafna minn dawn il-miżuri mingħajr qafas regolatorju ieħor fil-livell tal-UE. B'mod speċifiku, il-Kummissjoni tteġġeg lill-Istati Membri biex jirrevedu l-pjanijiet tal-PAK tagħhom fejn meħtieġ biex jiżguraw ir-reżiljenza tas-sistema tal-ikel.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se ssaħħaħ l-isforzi tagħha u żżid il-kooperazzjoni tagħha mal-organizzazzjonijiet internazzjoni u ma' atturi ewlenin oħra biex tindirizza fil-ħin u b'mod effettiv il-konsegwenzi tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna fuq is-sigurtà globali tal-ikel.